# KUNSILL LOKALI FGURA

126-128. 'KUNSILL LOKALI FGURA' TRIQ HOMPESCH, IL-FGURA FGR2015 TEL: 21 664000 email: fgura.lc@gov.mt

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Minuti

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fgura

**Laqgħa Numru 81/2024**

Data: l-Erbgħa 18 ta' Marzu, 2024

Ħin: 18:00hrs

Post: Kunsill Lokali Il-Fgura, 126-128. Triq Hompesch, Il-Fgura.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Sur Pierre Dalli | Sindku |
| | Sur Clayton Portelli Cascun | Viċi Sindku |
| | Sur Mark Lombardo | Kunsillier |
| | Sur Ray Deguara | Kunsillier |
| | Sur Charles Bonello | Kunsillier |
| | | Kunsillier |
| Skużat/i : | Sur Mario Fava | Kunsillier |
| | Sna Toshera Schembri | Kunsilliera |
| Assenti : | Sur Adrian Tanti | Kunsillier |
| | Dr Ryan Ellul | Kunsillier |
| | Gwenith Calleja | Segretarju Eżekuttiv |

**AĠENDA**

**81.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA**

**81.2 MINUTI**

**81.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI**

**81.4 PURCHASE REQUEST FORMS**

**81.5 ĦLASIJIET**

**81.6 FINANZI**

**81.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI**

**81.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI**

**81.9 IL-KARNIVAL**

**81.10 KORRISPONDENZA**

**81.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

**81.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI**

**81.13 TRAFFIC MANAGEMENT**

**81.14 STAFF**

**81.15 MOZZJONIJIET**

**81.16 PLANNING AUTHORITY**

**81.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL**

**81.18 MISTOQSIJIET**

**81.19 AĠĠORNAMENT**

---

Is-Sindku laqa' lill-Fgura Football Club wara li gie mitlub sabiex dan il-Kunsill jigi prezentat bi trofew nazzjonali li intrebah mill-istess club. Presenti ghal din il-laqgha kien hemm il-President tal-club is-Sur Larkin Bonnici, flimkien mal-plejer Daikin Tonna ta' 15-il sena, fejn giet prezentata t-trofew u rringrazzjaw il-Kunsill ta' kull sosten li sabu minnu f'din il-legislatura. Is-Sindku, il-Kunsilliera prezenti u s-Segretarja Ezekuttiva, irringrazzjaw u awguraw lill-club aktar successi.

Il-laqgha tal-Kunsill bdiet fis-1820 bis-Sindku jrodd is-salib u rringrazzja lil min kien involut fl-attivitajiet li ttellgħu matul ix-xahar li għadda.

## 81.1 TALBIET TA' APOLOĠIJA

**81.1.1** Kien kemm zewgt talbiet ta' apologija minghand il-Kuns M Fava minhabba li ser ikun imsiefer fuq xoghol u l-Kuns T Schembri minhabba mpenji ta' xoghol. Il-kamra approvat dawn it-talbiet.

## 81.2 MINUTI

**81.2.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6714/24/8** 'Sabiex jigu approvati l-minuti tal-laqgha 79/2024 bid-data 21 ta' Frar 2024'. Anness.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**81.2.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6715/24/8** 'Sabiex jigu approvati l-minuti tal-laqgha b'urgenza 80/2024 bid-data tas-6 ta' Marzu 2024'. Anness.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 81.3 PUNTI MQAJJMA MILL-MINUTI

**81.3.1**. Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 81.4 PURCHASE REQUEST FORMS

**81.4.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6716/24/8** 'Sabiex jigu approvati PRFPO ghal-laqgha tal-Kunsill ta' Marzu 2024 kif inhu anness'.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 81.5 ĦLASIJIET

**81.5.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6717/24/8** 'Sabiex jigu approvati lista tal-hlasijiet minn 22/02/2024 sa 11/03/2024 kif inhu anness'.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**81.5.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6718/24/8** 'Sabiex jigu approvati hlasijiet addizzjonali minn 11/03/2024 sa 15/03/2024 kif inhu anness'.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 81.6 FINANZI

**81.6.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6719/24/8** 'Sabiex jigi approvat 4th Quarterly Report ghas-sena 2023 skont kif inhu anness'.

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**81.6.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6722/24/8** 'Sabiex issir write off biex jitnehhew mill-kotba tal-Kunsill il-konsumaturi li gejjin: 1. R&A Waste Services bl-ammont ta' €896.80 2. Chris Ellul bl-ammont ta' €116.31 3. Noel Mercieca bl-ammont ta' €57.60.'

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 81.7 MEMOS U KOMUNIKAZZJONI MID-DIPARTIMENT TAL-GVERN LOKALI

**81.7.1** Is-Sindku informa l-kamra li waslet skema minghand il-Gvern Lokali. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6720/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika ghal SPI/SCI/6/2024 Tnedija mill-gdid tal-Community Inclusive Employment Scheme (CIES) mohruga minghand il-Gvern Lokali'.

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**81.7.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6721/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill japplika ghall-skemi Cir AKL 2024/023 First Aid & AED Training Course 2024 u Cir AKL 2024/022 Fire Warden Training 2024 ghall-ammont ta' mhux izjed minn €100'. Din l-iskema hija mirrata lejn il-haddiema tal-kunsilli.

Din kienet sekondata mill-Vici Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 81.8 TENDERS, QUOTATIONS, KUNTRATTI U OFFERTI

**81.8.1** Il-Kuns M Lombardo saqsa rigward it-tender tal-Milied. Is-Sindku kif ukoll is-Segretarja infurmawh li qiegħed għal-evalwazzjoni u għal-emendi għand is-Sur Adrian Mifsud. Qaqbel ma' joħrog pubbliku ser jergħa jintbagħat lill-Kunsill sabiex jingħata l-aħħar titwila. Bħala żmien għall-ħrug ta' dan it-tender qegħdin fil-ħin u kif kien miftiehem intbagħat f'Jannar 2024 għal evalwazzjoni mill-bord.

## 81.9 HAMIS IX-XIRKA

**81.9.1** Is-Sindku stieden lil Kuns C Bonello sabiex jagħmel l-intervent tiegħu rigward dan is-suġġett. Il-Kuns C Bonello qal li l-preparamenti għaddejjin u wasalu fil-finali tagħhom. Hemm il-possibilita li ssir konferenza tal-aħbarijiet mas-segretarju parlamentari għall-Kunsilli Lokali izda għad qed nistennew konferma. Fakkar li l-attivita' ser issir fit 28 ta' Marzu 2024, mis-1900 il-quddiem.

## 81.10 KORRISPONDENZA

**81.10.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6723/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill jassisti lil Fgura United Football Club għal Syndrome First Aid and Richmond Foundation Sports Day, għal spiża ta' mhux aktar minn €826'. Down Syndrome First Aid Session ser issir fi 3 ta' April 2024 u Richmond sports day ser issir fis-17 ta' April 2024.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**81.10.2** Is-Sindku informa l-kamra bl-korrispondenza mingħand DanuSan, rigward programm televiziv ta' zewg minuti li ser isir dwar informazzjoni fuq lokalitajiet differenti. Il-kamra qablet li dan isir u il-Fgura tipartecipa. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6724/24/8** 'Dan il-Kunsill għandu jieħu sehem f'dan il-programm basta issir wara 8 ta' Gunju 2024'.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**81.10.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6725/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill jippartecipa fil-korsijiet tal-kompjuter matul is-Sajf, mhejjija minn TCTC ghal tfal bejn il-5 u 12 'il sena ghal spiza ta' mhux izjed minn €1,500'.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**81.10.4** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6726/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill jikkolabora mall-Ministeru ghall-Ambjent, l-Energija u r-Rigenerazzjoni tal-Port il-Kbir, Cir AKL 2024/020 Kollaborazzjoni ghat-tfih tad-dwal waqt l-attivita' tal-'Earth Hour 2024' li se tigi ccelebrata nhar is-Sibt, 23 ta' Marzu 2024 bejn it-20.30pm sad-21.30pm din is-sena'.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**81.10.5** Is-Sindku informa lill-kamra li nhar l Erbgha 20 ta' Marzu filghodu, ser isiru testijiet tad-dranagg mill-WSC bil-cameras sabiex tigi ccekjata s-sistema fi Triq Pitiross. Galadarba irrizulta kollox fil-affermattiv ikun jista' jitkompla x-xoghol fl-imsemmija Triq.

## 81.11 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

**81.11.1** Is-Sindku informa l-kamra li, rigward l-arblu ghal fuq il-bejt kien infurmat il-Perit sabiex jiccekja s-sahha u t-toqol ta' l-arblu sabiex ix-xoghol ikun imqassam tajjeb. Is-Sindku kien talab pjan tax-xoghol u anke bhala materjal li ser jintuza, biex b'hekk jigi approvat mill-Perit. Il-Kuns C Bonello saqsa jekk hemmx bzonn li tigi emendata l-assikuarazzjoni tal-binja minhabba dan l-arblu. Il-Kuns Ray Deguara tal-parir li meta tkun ser tigi mgedda nigbdu l attenzjoni minhabba l-arblu wkoll. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6727/24/8** 'Sabiex jingarr arblu mill-Balluta u jitpogga b'mod sod arblu tal-injam fuq il-Bini tal-Kunsill Lokali (Ufficcju Amministrattiv) b'tul ta' madwar 50 pied bi spiza ta' mhux iktar minn €3,648'.

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**81.11.2** Is-Sindku nforma l-kamra li gie ffirmat il-kuntratt tad-Day Center u qed isiru l-preparamenti mehtiega mid-dipartiment tal-AACC sabiex jkun jista' jibda s-servizz ta' darba fil-gimgha.

**81.11.3** Is-Sindku nforma l-kamra dwar l-istqarrija li l-Kunsill hareg minhabba wiehed mill-kollegi Kunsillier li ma qalx il-verita. Is-Sindku zied jghid li b'wiccu minn quddiem u b'idu fuq qalbu jibqa' jghid il-verita u jsostni dak li ntkiteb fl-

istqarrija huwa minnu. Ma dana kollu s-Sur M Fava ghogbu li jkun kontra d-decizjoni li ha l-Kunsill. Is-Sur M Fava, minkejja li mhux prezenti ghal-laqgha, talab li bhala Kunsill ninfurmaw fil-laqgha li huwa kien kontra din l-istqarrija. Il-Kuns C Bonello u l-Kuns M Lombardo, ikkundanaw l-agir tas-Sur Fava wara li kiteb *post* fuq *facebook* fil-profil tal-Kunsill. Dan huwa abbuz mill-media socjali, fejn il-Vici Sindku zied ukoll li anke min naha tas-Sur A Tanti, kien kemm abbuz fuq il-media socjali tal-Kunsill, fejn dahal bhala Kunsill Lokali Fgura u wiegeb lill-pubbliku fuq *post* li harget mill-Kunsill.(anness)

Rigward din l-istqarija kien hemm sitt Kunsilliera favur – Is-Sindku, il-Vici Sindku, il-Kuns R Deguara, il-Kuns R Ellul, il-Kuns C Bonello u il-Kuns M Lombardo.

Kontra – Il-Kuns M Fava

Astjeniet – Il-Kuns Sa T Schembri

**81.11.4** Is-Sindku informal-kamra li fit-8 ta' Marzu 2024 inghata gih Jum il-Mara lil Elsa Romei. Kien hemm prezentazzjoni ta' trofew fl-Villa Francia fejn -s-Sindku kien prezenti. Il-Kuns C Bonello saqsa jekk kienx hemm mara minn kull lokalita' u s-Sindku wiegeb fl affermattiv.

## 81.12 PROĠETTI, TOROQ U XOGĦOLIJIET INFRASTRUTTURALI

**81.12.1** Is-Sindku informa l-kamra li s-Segretarja ghaddiet korrispondenza ghall-attenzjoni tal-Kunsill mibghuta minn IM, dwar proposta ta' roundabout li qed jiproponu IM minn Triq San Tumas kantuniera ma' Triq A.M. Valperga. Il-Kuns M Lombardo qal li bhalissa mhux daqsek facli sabiex tohrog mill-imsemmija toroq ghalhekk ir-roundabout trid tkun aktar facli. Il-Kuns C Bonello saqsa jekk bhala Kunsilli ghandux il-parir ta' TM ghal din il-proposta minhabba li hija junction u mhux salib it-toroq. Stqarr li ahjar ikunu nfurmati u ninghataw parir tal-esperti wkoll. L-interess tal-Kuns C Bonello hu li jsir l-ahjar ghar-residenti. L-arblu hu ahjar li sakemm isiru x-xogholijiet jinstablu post fejn ikun salvagwardjat minhabba li hu mill-antiki. Il-Vici Sindku sugerixxa li meta jinqala l-fanal jitpogga fil-bitha tal-iskola sakemm jergha jitwahhal. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6728/24/8** 'Dan il-Kunsill jaqbel li ghanda issir biss dan il-Kunsill ghandu joqghod fuq l-oggezzjoni ta' T.M. minhabba li huma esperti fuq dan il-kaz. Min naha tal-Kunsill importanti li l-irhama (lapida) u fanal jibqghu parti mill-lokal'.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**81.12.2** Is-Sindku nforma l-kamra li fil-15 ta' Marzu 2024 sehhet laqgha ma' IM fejn kienu mistiedna l-Kunsilliera kollha. Prezenti ghal din l-laqgha kien hemm is-Sindku, il-Kuns C Bonello, il-Kuns M Lombardo, il-Perit, is-Segretarja kif

ukoll raprezentatni minn IM. Il-laqgha kienet dwar ix-xoghol fuq Vjal Kottoner. L-unika problema hija s-central strip. Il-Kuns C Bonello stqarr li tkellem mal-Kummissjoni Festa Esterna dwar l-arblu li hemm fir-roundabout u li se jigi minsus. Kif ser tinqala it-triq se jintmiss dan sabiex jista' jsir ix-xoghol neccessarju. B'hekk tista titiehed l-okkazzjoni sabiex min naha tal-Kummissjoni jaraw jekk hux se jkabbru l-arblu u x'tip ta' bandiera se ssir biex jilhqu isiru l-pjanijiet. Il-Perit ghandu bzonn dawn id-dettalji sabiex ikun jista jikkoordina ma' IM u jkun hemm rikordju, anke dwar kemm pargeggi hemm, tabelli u anke toqob tal-arbli tal-festa. Dawn iridu jerghu jigu maghmluha wara li titlesta t-triq.Il-pjan ta' meta se jibda x-xoghol fuq Vjal Kottoner huwa wara li titlesta Triq San Tumas u dan ifisser ghal Mejju 2024.

## 81.13 TRAFFIC MANAGEMENT

**81.13.1** Is-Sindku informa l-kamra dwar talba ghal tabella tal-muturi. Is-Sindku stqarr li huwa mhux kontra t-tabelli izda li jitwahlu b'mod sew mhux quddiem bieb jew tieqa u jkunu ta' ostakolu ghar-residenti. Ingibded l-attenzjoni ghal darba ohra mis-Sindku li l-kaxxa tal-parkegg tal-muturi hija biss indikazzjoni u mhux obligazzjoni. Certu karozzi zghar jistghu jipparkjaw fuq MC. Il-Kuns Ray Deguara ressaq ilmet ta' resident fi Triq il-Liedna wara li l-pulizija stqarr mar-resident li la m'hemmx tabella ma jistax jaghti citazzjoni. Is-Sindku komplha billi qal li jekk ikun hemm karozza li toqghod fl-parkegg tal-MC mhux il-kas li tinqala citazzjoni. Is-Sindku ma qabilx li titwahhal tabella fi Triq il-Liedna ghaliex tigi quddiem il-bieb. Fil-kas ta' Triq Mahatma Gandhi t-tabella tista ssir ghax mhux se tostakola lil hadd. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6729/24/8** 'Sabiex titwahhal tabella MC fi Mahatma Gandhi faccata ta' Campella'.

Din kienet sekondata mill-Kuns Ray Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 81.14 STAFF

**81.14.1** Is-Sindku informa l-kamra li s-Sur Raymond Brincat haddiem tal-RSSL, gedded ghal sena ohra l-hidma tieghu fi hdan il-Kunsill sa Gunju 2025.

## 81.15 MOZZJONIJIET

**81.15.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward

## 81.16 PLANNING AUTHORITY

**81.16.1** Is-Sindku infoma lill-kamra li l-appell **PAB/00407/23** ta' Wied Blandun ser isir fis-7 ta' Mejju fit 1530. Is-Sergretarja infurmat lill-kamra permess tal-posta eletronika u kalendarju eletroniku.

**81.16.2** Is-Sindku informa lill-kamra dwar id-diskors fuq xoghol ta' kostruzzjoni tar-razzett l-antik. Qeghdin fil-hin sabiex issir oggezzjoni dwar l-izvilupp li ser isir. Is-Sindku qal li talab lill-Perit waqt laqgha li kien hemm prezenti wkoll il-Kuns C Bonello, il-Kuns M Lombardo u s-Segretarja, sabiex jekk ghadu z-zmien sabiex issir oggezzjoni, bhala Kunsill ghandha tigi mhejjija oggezzjoni dwar dan l-imsemmi zvilup. Il-Perit hejja l-oggezzjoni ghal dan il-kas tar-Razzett l-Antik u anke l-izvillup. Il-Kuns C Bonello gibed l-attenzjoni li meta saret diskussjoni dwar ir-razzett, l-iskop primarju li s-Sovrintendenza accettat li jaqa' ir-razzett, (li huwa skandaluz fl-opinjoni tal-Kuns C Bonello), kienet li, basta fil-progett il-gdid jkun hemm inkorporat dak il-gebel, bhal kileb u gebel ta' pregju tar-razzett. Gara li sar disin ghall-izvilupp, fejn fl-ebda stadju ma ddahhal dan il-gebel. Il-kundizzjoni primarja li jintuza mqar il-gebel tar-razzett, waqghet mis-Sovrintendenza u kien hemm biss multa ta' €7000. Il-Kuns C Bonello prepara tmien punti li ghandhom jigu msemija fl-oggezzjoni. Huwa kontra Shopping Complex minhabba li dan ifissier dhul u hrug fit-toroq tal-Fgura fejn jigi kkawzat traffiku kbir. Il-Kuns M Lombardo prezenta l-ahhar tentattiv sabiex din l-art tigi salvata u mhux jsir *Shopping Complex*. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6730/24/8** 'Dan il-Kunsill ghandu jressaq l-oggezzjoni tieghu fuq xogholijiet fi Triq Hompesch K/A ma Triq Nazzarenu Farrugia. Ghaldaqstant ghandu jigi finalizzat mal-perit biex tinhareg oggezzjoni wahda skont il-mozzjoni pprezentata mill-Kunsillier Bonello u r-rapport tal-perit'.

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni ghaddiet nem con

**81.16.2** Il-Kuns M Lombardo stqarr li tista ssir talba sabiex titpartat l-art u l-izvillupatur titghatalu art ohra tal-Gvern kif sar f'Hal Luqa ricentement. Il-Vici Sindku qal li din il-proposta diga kienet saret, izda il-Kuns M Lombardo sahaq li ghandna terga ssir. Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6731/24/8** 'B'referenza ghall-applikazzjoni PA 4084/22 fi Triq Hompesch K/M Triq Nazzarenu Farrugia, l-art fejn kien hemm ir-razzett l-antik, qed nitlob li l-Kunsill Lokali jaghmel talba lid-Dipartiment tal-Artijiet biex jidhol f'diskussjoni mal-izviluppatur biex isir tpartit tal-art ma' ohra tal-Gvern, sabiex din l-art fil-qalba tal-Fgura tigi salvata minn dan l-izvilupp massiv u tintradd lura lill-Komunita' tal-Fgura biex minflok tinbidel f'centru kulturali u ambjentali.'.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

## 81.17 PROGRESS TA' ĦIDMA MILL-MEMBRI TAL-KUNSILL

**81.17.1** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6732/24/8** 'Sabiex jigi approvat ir-rapport ta' hidma tal-Kuns M Fava 2023'.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**81.17.2** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6733/24/8** 'Sabiex jigi approvat ir-rapport ta' hidma tal-Kuns R Deguara 2023.

Din kienet sekondata mill-Viċi Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**81.17.3** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6734/24/8** 'Sabiex jigi approvat ir-rapport ta' hidma tal-Vici Sindku C Cascun Portelli 2023'.

Din kienet sekondata mill-Kuns Ray Deguara.

Il-mozzjoni għaddiet nem con.

**81.17.4** Il-Vici Sindku fahhar il-hidma tas-Sur M Lombardo izda ma qabilx biss fuq l-attivita' tal-Milied rigward il-presepju haj, fejn intqal li kienet inizzjattiva mill-bidu sal-ahhar tal-Kuns M Lombardo. Il-Vici Sindku saqsa lill-kamra, min fejn gab in-naghag, ic-cana u l-palettes lil Kuns M Lombardo. Il-Vici Sindku stqarr li l-presepju haj kien idea tieghu u tal-Kuns C Bonello u mhux kif inhu miktub fir-rapport. Xtaq li tigi emendata dik is-sentenza. Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6735/24/8** 'Sabiex jigi approvat ir-rapport ta' hidma tal-Kuns M Lombardo 2023, billi titnehha parti mill-paragrafu minn *'li hloqta jien mill-bidu sal-ahhar'*.

Din kienet sekondata mill-Kuns M Lombardo.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**81.17.5** Is-Sindku ressaq mozzjoni ref: **6736/24/8** 'Sabiex jigi approvat ir-rapport ta' hidma tal-Kuns C Bonello 2023'.

Din kienet sekondata mill-Kuns C Bonello.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**81.17.6** Is-Sindku stieden lill-Vici Sindku sabiex jitkellem rigward il-progress ta hidma min naha tieghu. Il-Vici Sindku beda billi jsemmi l-Green Corridor u li sehhet laqgha mall-kordinatur sabiex jinholqu zewgt attivitajiet. Dawn jikkonsistu li filghodu t-tfal tal-iskola jizirghu xi pjanti u filghaxija l-opening tal-Green Corridor. Il-Vici Sindku ressaq mozzjoni ref: **6737/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova budget ta' mhux iktar minn €2,000 biex issir il-pedestal kif ukoll l-irhama ta' l-inawgurazzjoni tal-Green Corridor'.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**81.17.7** Nhar is- 26 ta' April 2024 waqt l-inawgurazzjoni ser ikun hemm mistiedna distinti mill-Gvern, Oppozizzjoni kif ukoll mir-Regjun. Il-Vici Sindku ressaq mozzjoni ref: **6738/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova budget ta' €1,000. Dan biex isiru tokens ta' rikonoxximent lil mistiedna distinti waqt l-inawgurazzjoni tal-Green Corridor'.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**81.17.8** Ir-riceviment ser ikun gewwa l-iskola u fis-1830 tibda l-inawgurazzjoni. Il-Vici Sindku ressaq mozzjoni ref: **6739/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova il-budget ta' €2,500 ghal riceviment wara l-inawgurazzjoni tal-Green Corridor'.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**81.17.9** Il-Vici Sindku ressaq mozzjoni ref: **6740/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill japprova il-budget ta' €300 biex isiru l-inviti ghall-mistiedna tal-inawgurazzjoni tal-Green Corridor'.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**81.17.10** Il-Kuns M Lombardo ressaq mozzjoni ref: **6741/24/8** 'Sabiex dan il-Kunsill jalloka elf ewro addizzjonali ghall-attivita tal-Fgura, ippjanata ghall-24 ta' April'.Il-Kuns M Lombardo zied li l-attivita' tal-Librerija hija fis 16 ta' April fejn ser ikunu prezenti zewgt awturi li se jiltaqghu mat-tfal.

Din kienet sekondata mis-Sindku.

Il-mozzjoni għaddiet nem con

**81.17.11**Is-sindku stieden lil Kuns R Deguara sabiex jaghmel l-intervent tieghu. Il-Kuns R Deguara irringrazzja ghall-hidma li sehhet sabiex filghodu itellat

laqgha ghall-anzjani dwar il-Kancer. L-attendenza kienet tajba izda kien hemm min jibza mill-kelam Kancer u li kien ghal dan li ma attendewx.

Il-harga li jmiss hija nhar l-Hadd 24 ta' Marzu 2024 ghal Ghawdex li ilha diga hmistax mimlija. Il-harga tas-17 ta' April 2024 hija ghax-Xemxija u l bookings mexxjin tajjeb ukoll. Il-Kuns R Deguara irringrazzja lil kulhadd kif ukoll mod specjali lill-istaff.

**81.17.12** Is-Sindku stieden lil Kuns C Bonello sabiex jaghmel l-intervent tieghu. Il-Kuns C Bonello beda bl-irham tal-bazi tal-Bandiera ta' Triq il-Karmnu u li dan ix-xoghol mixi u jidher li ser ikun lest dalwaqt.

**81.17.13** Il-Kuns C Bonello informa lill-kamra dwar il-Wirja Hiliet il-Fgura (edizzjoni 4) li ser tkun inawgurata gimgha wara l-Ghid propju fis-6 t'April 2024.

**81.17.14** Il-Kuns C Bonello tkellem dwar il-Wirja tal-Gimgha Mqaddsa, liema wirja giet inawgurata nhar il-Gimgha 15 ta' Marzu u kienet success. Din il-wirja ser tibda miftuh sal-Gimgha l-Kbira.

**81.17.15** Il-Kuns C Bonello kompla billi nforma dwar il-Way Marker u Nicca tal-Madonna tal-Grazzja. Mal-Way Marker qed jinhadem il-hadid sabiex ikun komplut. Data tal-inawgurazzjoni ser tinghad iktar tard.

**81.17.16** Il-Kuns C Bonello informa lill-kamra li l-iSkema – Attivitajiet Lokali b'kollaborazzjoni mar-Regjun Port – lesta u ser tkun ipprezentata nhar l-erbgha li gej.

**81.17.17 Il-Kuns C Bonello qal li** hekk kif nhar il-Gimgha li ghaddiet 15 ta' Marzu saret laqgha ma' IM u fost l-ohrajn is-suggett dwar il-possibilita ta' arblu ikbar fuq ir-rounabout, diga bdejt diskussjonijiet mal-Kummissjoni Festa Esterna sabiex nesploraw din il-possibilita billi l-perit irid ikun jaf kemm ser ikun it-tul tal-arblu kif ukoll il-bandiera li ser titella mieghu.

## 81.18 MISTOQSIJIET

**81.18.1** Ma tqajjem l-ebda punt f'dan ir-rigward.

## 81.19 AĠĠORNAMENT

**81.19.1** Il-laqgħa ntemmet fis-20:15hrs.

Is-Sindku informa l-kamra li se ssir il-Laqgha Annwali tal-Lokalita' l-Erbgha 17 ta' April, 2024 fil-17:00hrs.

Il-laqgħa ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 17 ta' April, 2024 fis-18:00hrs.

Is-Sur Pierre Dalli
Sindku

Is-Sa Gwenith Calleja
Segretarju Eżekuttiv

Data:18 ta' Marzu, 2024

## Calleja Gwenith at Fgura Local Council

| | |
|---|---|
| **From:** | Fgura Local Council at Fgura Local Council |
| **Sent:** | 13 March 2024 12:22 |
| **To:** | 'Mario Fava'; Fgura Local Council at Fgura Local Council |
| **Cc:** | Dalli Pierre at Heritage Malta; Dr Ryan; Mark Lombardo; Raymond (Ray) Deguara; Toshera Schembri; charles bonello; clayton |
| **Subject:** | RE: Stqarrija Kunsill Lokali Fgura |

Ghaziz Sur Fava

l-email tieghek giet innutatta.

Grazzi u tislijiet


Gwenith Calleja
Executive Secretary

FGURA LOCAL COUNCIL

t +356 21664000 e fgura.lc@gov.mt


*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

**From:** Mario Fava <mariofava16@gmail.com>
**Sent:** Tuesday, March 12, 2024 11:23 PM
**To:** Fgura Local Council at Fgura Local Council <fgura.lc@gov.mt>
**Cc:** Dalli Pierre at Heritage Malta <pierre.dalli@gov.mt>; Dr Ryan <ryan@ryanellul.com>; Mark Lombardo <lombardomark1966@gmail.com>; Raymond (Ray) Deguara <raydeguara62@gmail.com>; Toshera Schembri <tosheraschembri@gmail.com>; charles bonello <charlesbonello2012@gmail.com>; clayton <cascun4fgura@gmail.com>
**Subject:** Re: Stqarrija Kunsill Lokali Fgura

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Sa Calleja,

Iva naf li l-letter heads huma bl-ismijiet tal-kunsilliera imma dan ma jnaqqasx mill-fatt li jekk kunsill ma jaqbilx u jibghat bil-miktub, meta tohrog l-istqarrija, dan ghandu jkun innutat fiha. Il-Minuti m' humiex l-istess sors fejn dehret l-istqarrija.

Kien ghalhekk li kelli nippreciza dan fuq l-istess sors li fih dehret l-istqarrija.

Naturalment, l-email tieghi trid trid tingieb ghall-attenzjoni fis-seduta ghax hija parti mill-korrispodenza ricevuta mill-Kunsill.

Tislijiet,

Mario Fava
President

Local Councils' Association
E-mail: mariofava16@gmail.com
Mob: +356 9944 3381

On Sun, Mar 10, 2024 at 10:14 AM Fgura Local Council at Fgura Local Council <fgura.lc@gov.mt> wrote:

Ghaziz Sur Fava

B'referenza ghall-email tieghek, l-ismijiet li hemm isfel huma parti ntegrali mill-letterhead tal-Kunsill, u kif taf tajjeb qatt ma jigu modifikati.

Apparti dan, l-email tieghek, li kont kontra l-istqarrija hija annessa mal-istqarrija originali fil-file. Fil-laqgha li jmiss se tittiehed nota tal-istqarrija u jitnizzel min kien favur u min kien kontra.

Grazzi hafna u tsilijiet

Gwenith Calleja
Executive Secretary

FGURA LOCAL COUNCIL

t +356 21664000 e fgura.lc@gov.mt

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

**From:** Mario Fava <mariofava16@gmail.com>
**Sent:** Friday, March 8, 2024 9:53 PM
**To:** Fgura Local Council at Fgura Local Council <fgura.lc@gov.mt>
**Cc:** Dalli Pierre at Heritage Malta <pierre.dalli@gov.mt>; Dr Ryan <ryan@ryanellul.com>; Mark Lombardo <lombardomark1966@gmail.com>; Raymond (Ray) Deguara <raydeguara62@gmail.com>; Toshera Schembri <tosheraschembri@gmail.com>; charles bonello <charlesbonello2012@gmail.com>; clayton <cascun4fgura@gmail.com>
**Subject:** Re: Stqarrija Kunsill Lokali Fgura

CAUTION: This email originated from OUTSIDE the Government Email Infrastructure. DO NOT CLICK LINKS or OPEN attachments unless you recognise the sender and know the content is safe.

Ghal attenzzjoni tas segretarju ezekuttiv

Gentilment ikkjarifikaw li kien kont kontra din il-hmerija.

Bghattilkom bil-milktub u minkejja dan harget fuq letter head b' ismi fuqha.

Nistenna li tigi rimedjata mill-aktar fis. Trattawha b' urgenza u nistenna kopja tal-istqarrija ikkoregguta.

Grazzi

Mario Fava

President

Local Councils' Association

E-mail: mariofava16@gmail.com

Mob: +356 9944 3381

On Fri, 08 Mar 2024 at 14:51, Mario Fava <mariofava16@gmail.com> wrote:

Ma naqbilx. Stqarrija simili twassal biss biex aktar nies ikomplu jitilfu l-fidcuja fil-kunsilli lokali.

Voldieri lanqas ahna kapaci bhala kunsilli lokali li nahslu hwejjigna gewwa!!!

Iktar ma taghti mportanza dak li ma jaghmilx sens aktar ittih sahha!

Tislijiet,

Mario Fava

President

Local Councils' Association

E-mail: mariofava16@gmail.com

Mob: +356 9944 3381

On Fri, Mar 8, 2024 at 2:40 PM Fgura Local Council at Fgura Local Council <fgura.lc@gov.mt> wrote:

Gheziez Kunsilliera

Qed nibaghat din l-istqarrija ghal-approvazzjoni urgenti taghkom.

Tislijiet

Gwenith Calleja
Executive Secretary

FGURA LOCAL COUNCIL

t +356 21664000 e fgura.lc@gov.mt

*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*